XEWKIJA

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Xewkija

# Is-SITT LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 58

27 ta' Jannar 2017

Il-Kunsill Lokali tax-Xewkija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2, Triq Torri Tinghi, Xewkija, Għawdex, fil-4.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Paul Azzopardi – Sindku
Domenic Zerafa – Viċi Sindku
George Zammit – Kunsillier
Hubert Saliba – Kunsillier
Jeanelle Attard - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
n/a

ASSENTI
n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Odette Camilleri – Aġent Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Paul Azzopardi ippresjeda l-laqgħa.

## 58.1 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

58.1.1 Il-minuti tal-laqgħa 57 ġew approvati.

## 58.2 Punti mqajjma mill-Minuti

58.2.1 Il-membri qablu li jiġu ixiftjati l-bozzoz ta' Triq Buqqari u Triq il-Hamrija sabiex l-Enemalta jkunu jistgħu jibdlu l-arbli tal-konkos li huma perikolużi.

## 58.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

53.1 Emejl mill-WEEE Malta fejn talbu lil Kunsill jekk ja``ettawx li jkollhom trolly fil-bini tal-Kunsill sabiex il-pubbliku jkun jista' jarmi materjal elettroniku żgħir. Il-WEEE Malta qed toffri €20 għal kull tunnellata li tinġabar minn dan it-trolley. Il-membri qablu li jġibu tlett trollies.

58.3.2 Talba minn Mro Colin Attard sabiex isir il-11-il edizzjoni tal-Gaulitana – *A festival of Music* li ser isir mill-25 ta' Frar sat-2 t'April 2017 fejn propona li jsir violin *solo recital* il-Ħadd, 26 ta' Marzu fis-7.30pm. Il-membri qablu.

58.3.3 Kwotazzjoni mill-accountants Parker Randall Turner sabiex timtela' l-applikazzjoni ta' l-ERDF u biex jigi *updated* il-*Fixed Asset Register.* Il-membri qablu ma din u qablu wkoll sabiex jiġi vverifikat mal-Perit hemmx bzonn permessi tal-MEPA minħabba dan il-proġett.

58.3.4 Ittra lil Kunsill minngħand Joseph Borg il-ħaddiem taħt l-iskema CIES fejn informa lil Kunsill li mhux ser jibqa' jaħdem mal-Kunsill peress li sab xogħol ieħor. Is-Sindku f'isem sħabu l-Kunsilliera rringrazzja lis-Sur Borg għal ħidma tajba u s-servizz li ta lil Kunsill.

58.3.5 Ittra minn Heritage Malta fejn talbu li tinħatar persuna mill-Kunsill sabiex ssir diskussjoni fil-lokalita' fuq x'joffri r-raħal tax-Xewkija lejn l-istorja t'Għawdex. Il-membri qablu li għandu jinħatar is-Sur Mario Borg.

58.3.6 Ittra mill-Banda Prekursur sabiex isir reklam fuq il-ktieb tal-festa ta' San Gwann. Il-membri qablu li għandhom iġġibu l-avviż li jġibu s-soltu.

58.3.7 Emejl mill-Perit Edward Scerri fejn offra li jagħmel xogħol għal applikazzjonijiet ta' *Restoration Grant Scheme*. Il-membri talbu lis-Seg. Eżekuttiv sabiex tivverifika ma' l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali f'dan ir-rigward.

58.3.8 Talba minn resident sabiex titressaq ma arblu ieħor eżistenti l-lampa tat-triq li hemm fi Sqaq Nru 1, Triq Santa Marija u dan peress li jrid iwaqqa il-ħajt. Il-membri qablu.

58.3.9 Ġie imqabbad il-Perit Shaun Micallef sabiex iħejji l-istimi neċessarji kemm jiġu jiswew sabiex jinbnew il-ħitan tas-sejjieħ u jiġu miksija toroq f'żoni rurali u dan sabiex il-Kunsill ikun jista' japplika taħt M4.4 u M4.3.

58.3.10 Ilment mill-*customer care* tal-Ministeru għal Ghawdex fejn inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill sabiex isir il-*patching* neċessarju fi Triq Tonin Mallia Vernon. Il-membri qablu li għandha tinġibed l-attenzjoni tal-*Water Services Corp.*

58.3.11 Ilment minn resident sabiex jitella' il-ħajt ta' għalqa fi Triq San Gwann peress li qed jintrema skart ta' kull tip ġo l-għalqa. Propona ukoll sabiex din it-triq issir *one way.* Il-membri qablu li għandha tinġibed l-attenzjoni tas-sidien f'dan ir-rigward.

58.3.12 Rigward l-Isuzu Truck li għandu mikri l-Kunsill minngħand Philip Pisani, s-Sindku propona sabiex nistaqsu lis-sid jixtieqx li jbiegħ it-truck peress li s'issa l-Kunsill diġa ħallas €3675 għal kiri. Il-membri qablu.

## 58.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

58.4.1 Il-Kunsilliera Attard talbet isir il-*patching* neċessarju fi Triq Gorgun u Triq il-Ħamrija.

58.4.2 Il-Kunsillier Saliba talab sabiex jinbgħatu l-kenniesa jikinsu Triq il-Knisja. Talab ukoll sabiex is-siġar tal-Pjazza li tħawlu fil-*planters* jinbidlu għal siġar taż-żebbuġ. Il-membri qablu ma dan. Talab ukoll sabiex fejn il-monument tal-gwerra f'Tal-Ħniena jinġieb il-permess minn Transport Malta sabiex jitwaħħlu *bollards* biex ma jibqewx jiġu pparkjati karozzi. Talab ukoll sabiex tintbgħat ittra lir-residenti ta' Triq il-Mitħna biex kulħadd iżomm l-borża taż-żibel wara biebu.

58.4.3 Il-Viċi Sindku talab sabiex isir *patching* tajjeb fi Triq Widnet il-Baħar fejn kien hemm il-*bring in sites* peress li din il-biċċa triq niżlet. Talab ukoll sabiex isiru id-*double yellow lines* fi Triq Widnet il-Baħar kantuniera ma Triq Jean de la Vallette.

58.4.4 Is-Sindku talab sabiex jintbgħatu l-ħaddiema jbattlu l-*pots* kbar li hemm f'Widnet il-Baħar sabiex jiġu mħawwla s-siġar ġo fihom.

58.4.5 Il-Kunsillier Zammit talab sabiex terġa tintbgħat *reminder* biex Triq San Leonardu jkollhom komunikazzjoni tad-drenaġġ u ma jibqewx bil-fossa.

58.4.6 Il-Kunsillier Saliba talab sabiex il-gwardjani lokali jibdew jagħmlu aktar ronda fi Triq San Pawl peress li ħafna karozzi jipparkjaw ħażin. Il-membri qablu ukoll sabiex jintbgħat avviż l-Knisja f'dan ir-rigward.

## 58.5 *Budget* u Proġetti għas-sena 2017

58.5.1 L-*Accountants* tal-Kunsill ġew mistiedna jidħlu fil-kamra. Is-Sindku talab lil Accountant tal-Kunsill sabiex jagħti l-veduti tiegħu rigward il-qada finanzjarja tal-Kunsill. Wara diskussjoni twila f'dan ir-rigward, l-*accountant* qal li l-Kunsill kellu *working capital* tajjeb u qed jopera tajjeb ħafna.

58.5.2 Il-membri qablu li għas-sena 2017 għandu jingħata bidu għal dawn il-proġetti:

- Proġett ta' tisbiħ ta' Pjazza San Gwann Battista
- Tkomplija tal-Kunsill il-ġdid fi Triq Santa Katerina
- Kisi bit-tarmac ta' Triq Santa Elizabetta
- Mġarr ix-Xini Regional Valley Park and Visitors Centre fi Gnien ta' Blankas taħt fondi ERDF
- Applikazzjoni għal M4.3 u M4.4 għal bini ta' ħitan tas-sejjiegħ u toroq tal-bdiewa.

## 58.6 Approvazzjoni tal-*management Accounts*

58.6.1 L-*accountants* tal-Kunsill spjegaw l-*Management Accounts* tat-tlett xhur Ottubru – Diċembru 2017 u dawn ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u l-A. Seg. Eżekuttiv.

58.6.2 Is-Sindku rringrazzja lil *accountants* tal-Kunsill u ħargu mill-kamra.

## 58.7 Ħatra ta' membri għal bord ta' Seg. Eżekuttiv

58.7.1 Is-Sindku propona li l-membri tal-bord għandhom ikunu Mario Fava – Sezzjoni Kunsilliera PL, Av. Byron Camilleri - Sindku tal-Fgura u Peter Caruana – Kunsillier fil-Kunsill Lokali ta' Għajnsielem. Is-Sindku kompla jgħid li l-ewwel tnejn diġa aċċettaw li jkunu fuq il-bord u baqa' biss it-tielet wieħed sabiex jikkonferma. Kompla jgħid illi għadu ma sabx segretarju tal-bord. Il-Kunsilliera Attard proponiet li fil-bord ikun hemm John Buttigieg membru fil-Kunsill Lokali tal-Mellieħa waqt li l-Kunsillier Zammit propona lil *Accountant* Parker Randall Turner. Is-Sindku informa lil Kunsilliera li jekk ma jaċċettax it-tielet membru li joqgħod fil-bord jintgħażel wieħed minn dawn li ġew proponuti.

## 58.8 Karnival 2017

58.8.1 Il-membri qablu unanimament sabiex għal Karnival tinġieb il-*Guggen Music Band* għal prezz ta' €1165 fejn tibda' b'parata minn Triq il-Ħamrija lejn Pjazza San Gwann Battista. Il-membri qablu wkoll illi l-Kumpaniji 3RIO Carnival, Centre Stage Dance Academy, Teatru Astra, Ghaqda Delettanti Karnival, l-Kumpanija ta' Annette Portelli Said u Drew & Co jipparteċipaw fil-Karnival. Qablu wkoll sabiex minflok il-kukkanja issir prinjolata kbira fejn għandhom jinġiebu l-kwotazzjonijiet minngħand Aguis, Saminu Bakery u Charlie Azzopardi qablu ukoll sabiex bħas-soltu jsiru l-kompetizzjonijiet u kollox jimxi fuq il-programm tas-soltu.

## 58.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti

58.9.1 Iċ-ċedola ta' pagamenti numru 16-58 ġiet approvata.

## 57.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

57.10.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.10 ta' fil-għaxija u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis, 16 ta' Frar 2017 fil-4.30 ta' wara nofs in-nhar.

Konfermati, illum 16 ta' Frar 2017.

IFFIRMATA

Paul Azzopardi
Sindku

IFFIRMATA

Odette Camilleri
A. Segretarju Eżekuttiv